MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 474/1991/1

**Mohammed Nuriddin Yunes ghan-nom u in rappresentanza ts-socjeta` estera "Five Brothers Limited"**

**v.**

**Paul Tabone f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Caral Limited"**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment limitat ghat-talba maghmula mill-konvenut appellant Paul Tabone proprio et nomine fir-rikors tieghu tat-8 ta' Gunju 2005. Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-provvediment ikun opportun li jigi spjegat kronologikament x'gara.

2. Permezz ta' rikors presentat fit-22 ta' Ottubru 2005, Paul Tabone, fil-kwalita` tieghu premessa, appella mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet laqghet it-talba attrici u konsegwentement ikkundannatu jhallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tnax-il elf erba' mija u hamsin lira (Lm12,450) in rifuzjoni ta' depozitu maghmul in konnessjoni man-negozju fuq li Sport Hotel li ma sehhx, bl-imghax legali kif mitlub fic-citazzjoni u bl-ispejjez.

3. L-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-1 ta' Gunju 2005. L-avviz ghas-smigh u l-avviz ghall-hlas tal-kawtela gew notifikati lill-appellant fl-20 ta' Mejju 2005. Il-kawtela giet stabbilita mir-Registratur fis-somma Lm1,001.

4. Fit-30 ta' Mejju 2005 l-appellant ippresenta rikors li permezz tieghu talab li din il-Qorti "…tawtorizza li huwa ma jergax ihallas il-kawtela indikata fl-avviz tas-smigh izda tordna li din il-kawtela tigi mnaqqsa mis-somma depozitata taht l-imsemmija garanzija bankarja." Il-garanzija bankarja msemmija (ara kopji taghha a fol. 126 u 137) kienet iggib id-data tat-12 ta' Settembru 1996 u kienet mahruga mill-Bank of Valletta Limited (fergha ta' San Giljan). Permezz taghha il-Bank iggarantixxa li jhallas lil "Paul & Antida Tabone" "…on your first written demand a sum not exceeding Lm20,000…plus interest payable by the Bank on Fixed Deposit Accounts of one (1) year which may be declared by the courts of Malta, as being due by you to Mr Mohamed Nuriddin Yunes in the lawsuit in the names of *Mohammed Nuriddin Yunes ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera 'Five Brothers Limited' v. Paul Tabone f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` 'Carral Limited' Citazzjoni numru 474/91…*It is hereby being declared that in the event that the afore-mentioned lawsuit is decided in favour of the plaintiff then any sum not exceeding

Lm20,000 plus interest at the rate payable by the Bank on Fixed Deposit Accounts of one (1) year shall be paid to the plaintiff and the balance, if any, shall be paid to you. In the event that the afore-mentioned lawsuit is decided in your favour the sum payable under this guarantee shall be paid to you…".

5. Fl-imsemmi rikors tat-30 ta' Mejju 2005 r-rikorrent fisser li kien qed jaghmel it-talba kif hawn aktar 'l fuq imfissra peress illi l-kawtela kienet f'somma "kemm xejn kbira, ser tithallas mill-esponenti f'ismu proprju u mhux mill-fondi tas-socjeta` kummercjali u dan ghaliex din is-socjeta` ilha ghal xi zmien ma toperax…" u li huwa "…ma ghandux il-mezzi finanzjarji sabiex ihallas is-somma kollha f'daqqa f'temp daqstant qasir halli jikkawtela l-appell tieghu." Ir-rikorrent deherlu li huwa ma kellux "…jerga' jiddepozita s-somma mitluba fl-avviz tas-smigh peress li l-proceduri ta' dan l-appell huma diga` indirettament ikkawtelati mis-somma depozitata."

6. B'digriet moghti minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2005 it-talba tar-rikorrent giet michuda. Fl-imsemmi digriet din il-Qorti osservat li "ma giet indikata ebda disposizzjoni tal-ligi li tawtorizza lil din il-Qorti taghmel dak mitlub" mir-rikorrent.

7. L-udjenza ta' l-1 ta' Gunju 2005 ma saritx minhabba impediment legittimu ta' wiehed mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Gunju 2005. Sa jum qabel l-1 ta' Gunju 2005, il-kawtela kienet ghadha ma gietx depozitata.

8. Fit-8 ta' Gunju 2005 l-appellant rega' ippresenta rikors iehor (ara fol. 130) li permezz tieghu talab li din il-Qorti "…joghgobha tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 2005 u jinghata l-opportunita` sabiex jaghti spjegazzjoni ghat-talba tieghu maghmula fir-rikors tal-31 ta' Mejju 2005".

9. Fid-9 ta' Gunju 2005 – u allura sa din id-data wkoll kienet ghadha ma giet depozitata ebda kawtela – ghalkemm deher l-appellant, il-kawza giet differita fuq

talba tieghu (ara r-rikors tas-6 ta’ Gunju 2005, fol. 129) peress li l-avukat tieghu kellu jidher quddiem il-Qorti f’Ghawdex. Din il-Qorti ghalhekk iddifferiet l-appell ghat-13 ta’ Gunju “…u dan interament bla pregudizzju ghar-rikors ta’ l-istess appellant pro et noe tat-8 ta’ Gunju 2005”. Din il-Qorti ghamlitha cara fil-verbal li “…dan id-differiment qed jinghata wkoll interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ jekk l-appell marx dezert o meno minhabba nuqqas ta’ kawtela li kellha tigi depozitata mhux aktar tard mill-gurnata ta’ qabel id-data ta’ l-appuntament ta’ l-ewwel smigh”.

10. Intant, permezz ta’ risposta presentata mill-kontroparti, l-imsemmija kontroparti opponiet it-talba sabiex flok tigi depozitata l-kawtela din titnaqqas mis-somma depozitata taht il-garanzija bankarja. Is-socjeta` attrici appellata ghamlet referenza *inter alia* ghad-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 249 tal-Kap. 16 u b’mod partikolari ghal kif ghandha tkun garanzija bankarja ghall-finijiet tal-kawtela ossia garanzija ghall-ispejjez tal-kawza, u cioe` fil-forma skond l-Iskeda C.

11. Fl-udjenza tat-13 ta’ Gunju 2005 - dejjem il-kawtela ghadha ma gietx depozitata - l-appell thalla ghall-20 ta’ Gunju 2005 u dan unikament ghas-sottomissjonijiet u (okkorrendo) decizjoni dwar ir-rikors tat-8 ta’ Gunju 2005. Fl-20 ta’ Gunju, pero`, ma seta’ jsir xejn peress li l-membri komponenti l-Qorti kienu okkupati b’kawza kostituzzjonali urgenti. Ghalhekk il-kawza giet differita ghall-fini tal-verbal precedenti ghall-24 ta’ Ottubru 2005.

12. Fl-24 ta’ Ottubru 2005 il-partijiet trattaw ir-rikors ta’ l-appellant Paul Tabone pro et nomine tat-8 ta’ Gunju 2005, u din il-Qorti ddifferiet l-appell ghal provvediment dwar dan ir-rikors ghal-lum “…dejjem interament bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ jekk l-appell marx dezert o meno minhabba nuqqas ta’ kawtela skond il-ligi u fil-forma li trid il-ligi…”.

13. Issa, skond is-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 249 tal-Kap. 16, il-garanzija “…ghandha tkun fis-somma stabbilita mir-registratur u ghandha ssir <u>jew billi jigu depozitati flus</u>

likwidi jew billi tinhareg garanzija bankarja ta' bank li jkollu licenza skond l-Att dwar il-Kummerc Bankarju skond l-Iskeda C li tinsab ma dan il-Kodici." (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz in dizama r-rikorrent appellant ma ddepozitax flus likwidi, izda qed jippretendi li din il-Qorti taccetta l-garanzija bankarja tat-12 ta' Settembru 1996 billi b'xi mod – din il-Qorti ghadha ma tistax tifhem kif – "il-kawtela tigi mnaqqsa mis-somma depozitata taht l-imsemmija garanzija bankarja." Din il-Qort, wara li ezaminat kemm il-garanzija bankarja (proprjament kopja taghha) tat-12 ta' Settembru 1996 kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti, tara li assolutament ma tistax takkolji din it-talba. Il-ligi hija cara – jew tigi depozitata l-kawtela fil-forma ta' flus likwidi ("ready money" fit-test Ingliz tal-ligi) jew irid ikun hemm garanzija bankarja fil-forma skond l-imsemmija Skeda C. Skond din il-forma, il-Bank irid jidhol garanti solidali ta' l-appellant biex jaghmel tajjeb f'ammont specifiku proprju ghall-fini u skond it-terminu ta' l-Artikolu 249 tal-Kap. 12 (cioe` ghall-ispejjez ta' l-appell). Ghalhekk mhix bizzejjed, ghall-finijiet ta' tali garazija, il-garanzija ta' Bank li fuq talba tal-konvenut ihallas lill-istess konvenut somma ta' flus; il-ligi tezigi li, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 249, il-Bank ikun solidament marbut ma' l-appellant u jkun jista' jdur fuqu (cioe` fuq il-Bank) kull min ikunu dovuti lilu xi spejjez, inkluz ghalhekk ir-Registratur.

14. Ghall-motivi premessi, tichad it-talba kontenuta fir-rikors tat-8 ta' Gunju 2005, u konsegwentement tikkonferma d-digriet taghha tal-31 ta' Mejju, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------